MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**Charles Vella ta' 27 sena, iben Joseph u Maria Dolores maghrufa bhala Doris nee Rapa, mwieled San Giljan, fit-8 ta' Jannar, 1976, u joqghod 14, Triq San Anton, Sliema, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 125876 (M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Charles Vella li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fit-18 ta' Novembru, 2002

u fil-granet ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istes dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dan bi ksur tal-Artikolu 18.

Ukoll talli fit-18 ta' Novembru, 2002 u fil-granet ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f'atti awtentici u pubblici, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe cekkijiet ta' l-HSBC li jappartjenu lil Kristine Mangion, billi holoq dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza, dan bi ksur ta' l-Artikoli 18 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll talli fl-istess zmien, iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u dan bi ksur tal-Artikolu 167 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll talli xjentement ghamel uzu minnhom u dan bi ksur ta' l-Artikolu 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll talli fl-istess zmien, b'mezz kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar xi

grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ Lm 1380 ghad-dannu ta’ Kristine Mangion, dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-avukat generali biex din il-kawza tigi tratta bi proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri kif ukoll illi kien wiegeb li hu hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu fl-interrogatorju.

Rat ukoll illi l-parte civili u l-avukat difensur iddikjaraw illi l-vertenzi civili bejn l-akkuzat u l-vittma gew risolti. Tenut kont tal-fatt li dawn l-akkuzi huma kollha prosegwibbli ex officio tqis pero` din il-Qorti li tali verbal ghandu jinfluwixxi fuq dik li ghandha tkun il-piena. Ghaldaqstant wara li rat l-artikoli 18, 183, 184, 167, 169, 308, 309, u 17 tal-kap 9, wara anke li rat il-Fedina Penali tieghu qeghda anke in vista tal-fatt li hu gia gie moghti sentenza sospiza, anke tenut kont tas-serjeta` tar-reati lilu adebbitati, tikkunadannah ghal sena habs sospiza ghal sentejn. U dan wara li rat l-artikolu 28A tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------